

31989R0358

14.2.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 42/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 358/89

tat-13 ta' Frar 1989

li jdaħħal mill-ġdid id-dazju preferenzjali tad-dwana fuq l-importazzjonijiet tal-ward tal-fjura kbira li joriġina fil-Marokk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4088/87 ta' l-21 ta' Diċembru 1987 li jfissra l-kondizzjonijiet sabiex jiġu applikati dazji preferenzjali tad-dwana fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fjuri li joriġinaw f'Ċipru, fil-Ġordan u fil-Marokk ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3551/88 ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 4088/87 jfissra l-kondizzjonijiet sabiex jiġi applikat dazju preferenzjali tad-dwana fuq il-ward tal-fjura kbira, il-qronfol (tal-blanzun) bi fjura waħda u l-qronfol (ta' firxa ta' blanzuni) ta' ħafna fjuri fil-limitu tal-kwoti tat-tariffa miftuħa kull sena għall-importazzjonijiet fil-Komunità tal-fjuri maqtugħa friski;

Billi r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3005/88 ⁽³⁾, (KEE) Nru 3175/88 ⁽⁴⁾, (KEE) Nru 3552/88 ⁽⁵⁾ u (KEE) Nru 4078/88 ⁽⁶⁾ jiftħu u jipprovdu sabiex jiġu amministrati l-kwoti tat-tariffa Komunitarja għall-fjuri maqtugħa u għall-blanzuni maqtugħa, friski, li joriġinaw f'Ċipru, fil-Ġordan, fil-Marokk u fl-Iżrael rispettivament;

Billi Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87 jistabbilixxi illi d-dazju preferenzjali Komunitarju għandu jerġa' jiddaħħal għal prodott mogħti ta' orijini mogħtija jekk il-prezzijiet tal-prodott importat (mingħajr it-tnaqqis tar-rata sħiħa tad-dazju tad-dwana) ikunu, għal mill-inqas 70 % tal-kwantitajiet li l-prezzijiet tagħhom ikunu disponibbli fis-swieq rappreżentattivi Komunitarji ta' l-importazzjoni, mhux inqas minn 85 % tal-prezz tal-produttur Komunitarju għal perjodu taż-żmien, ikkalkolat mid-data attwali tas-sospensjoni tad-dazju preferenzjali attwali tad-dwana,

— għal jumejn fuq xulxin tas-suq, wara s-sospensjoni skond Artikolu 2(2)(a) ta' dan ir-Regolament,

— għal tlitt ijiem wara xulxin tas-suq, wara s-sospensjoni skond Artikolu 2(2)(b) ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3557/88 ⁽⁷⁾ iffissa l-prezzijiet tal-produttur Komunitarju għall-qronfol u għall-ward sabiex jiġu applikati l-arranġamenti għall-importazzjoni mill-pajjiżi fil-kwistjoni;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 700/88 ⁽⁸⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3556/88 ⁽⁹⁾, jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati dawn l-arranġamenti;

Billi sabiex jiġi permess li jiffunzjonaw l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-manjiera normali il-prezzijiet fil-ħin ta' l-importazzjoni għandhom jiġu kkalkolati billi tintuża

— għall-muniti miżmuma kontra xulxin ġewwa firxa massima f'kull waqt mogħti għar-rata tat-transazzjonijiet fuq il-post ta' 2,25 %, rata tal-kambju bbażata fuq ir-rata ċentrali tagħhom immultiplikata b'fattur tal-korrezzjoni pprovvdut fl-aħħar subparagrafu ta' Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1676/85 ⁽¹⁰⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1636/87 ⁽¹¹⁾,

— għall-muniti l-oħra rata tal-kambju bbażata fuq il-medju aritmetiku tar-rata tas-suq fil-pront tal-munita, irreġistrata għal perjodu taż-żmien mogħti, kontra l-munita tal-Komunità indikati fl-inċiż ta' qabel u bil-koeffiċjnt imsemmi qabel;

Billi d-dazju preferenzjali tad-dwana ffixat għall-ward tal-fjura kbira li joriġina fil-Marokk skond ir-Regolament (KEE) Nru 3552/88 ġie sospiż bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 53/89 ⁽¹²⁾;

Billi fuq il-bażi tar-reġistrazzjonijiet tal-prezzijiet magħmula kif speċifikat fir-Regolamenti (KEE) Nru 4088/87 u (KEE) Nru 700/88 irid jiġi konkluż illi tintlaħaq l-ħtieġa sabiex jiġi introdott mill-ġdid id-dazju preferenzjali tad-dwana stabbilit fl-ewwel inċiż ta' Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87 għall-ward tal-fjura kbira li joriġina fil-Marokk; billi d-dazju preferenzjali tad-dwana għandu jiddaħħal mill-ġdid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-importazzjonijiet tal-ward tal-fjura kbira (kondiċi tan-NM bin-numru ex 0603 10 51) li joriġina fil-Marokk, id-dazju preferenzjali tad-dwana ffixat bir-regolament (KEE) Nru 3552/88 qiegħed jiġi imdaħħal mill-ġdid b'effett mill-14 ta' Frar 1989.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14 ta' Frar 1989.

⁽¹⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1987, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 271, ta' l-1.10.1988, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU L 283, tat-18.10.1988, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 2.

⁽⁶⁾ ĠU L 359, tat-28.12.1988, p. 8.

⁽⁷⁾ ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 9.

⁽⁸⁾ ĠU L 72, tat-18.3.1988, p. 16.

⁽⁹⁾ ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 8.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.

⁽¹¹⁾ ĠU L 153, tat-13.6.1987, p. 1.

⁽¹²⁾ ĠU L 9, tat-12.1.1989, p. 19.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Frar 1989.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membri tal-Kummissjoni
